# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 8 ta' Marzu, 2016**

**Talba Nru: 3/2015/VG**

**Stephen u Marica konjugi BORG**

**vs**

**Frans AZZOPARDI**

**It-Tribunal,**

Ra' **t-talba tar-rikorrenti mressqa fis-26 ta' Jannar, 2015** u li permezz taghha talbu lill-intimat ihallashom is-somma ta' elf erba' mija sitta u sittin euro u tlieta u disghin centezmi ta' euro [€1,466.93c] u dan wara li ppremettew hekk:

> "1) Illi l-attur esegwixxa xogholijiet ta' tiswijiet fuq vetturi tal-konvenut, ghal liema xoghol il-konvenut ghandu jhallas lil attur is-somma ta' elf, erba' mija u sitta u sittin Ewro u tlieta u disghin centezmu (€1,466.93);

2) Illi l-konvenut kien obbliga ruhu li jhallas l-ammont dovut permezz ta’ skrittura tal-ghaxra (10) ta’ Marzu 2014;

3) Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet, il-konvenut baqa inadempjenti;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m’ghandux jigi ikkundannat ihallas lil attur is-somma ta’ elf, erba’ mija u sitta u sittin Ewro u tlieta u disghin centezmu (€1,466.93) kif fuq dovuti.

Bl-imghaxijiet relattivi mill-10 ta’ Marzu 2014.

Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta’ Ottubru 2014.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni”.

**Ra’ r-risposta tal-intimat minnu pprezentata fis-6 ta’ Marzu, 2015** u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tar- rikorrenti:

“Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li mhuwiex minnu li l-konvenut ma ottemprax ruhhu mal-obbligi tieghu izda kien l-istess attur li ma mexiex ma l-istipulazzjonijiet tieghu u ma ghamilx it-tiswijiet mehtiega fil-vettura in kwistjoni.

Salv eccezzjonijiet ohra fil-fatt u fid-dritt”.

**Ra’ l-kontro-talba mressqa mill-intimat** u li permezz taghha huwa talab li jgi likwidat ammont rapprezentanti tiswijiet ulterjuri li kellhom isiru fuq il-vetturi tieghu u dan wara li ppremetta hekk:

“Ghid inti ghaliex m’ghandekx tigi ikkundannat thallas l-ammont hekk likwidat permezz ta’ din it-talba liema ammont jirraprezenta tiswijiet

ulterjuri li kellhom isiru fil-vettura tat-tip Mercedes 190 bin-numru ta' registrazzjoni VIP-225 u dan oltre l-imghaxijiet u spejjez ohra relattivi"

**Ra' r-risposta tar-rikorrenti ghall-kontro-talba tal-intimat minnu pprezentata fl-20 ta' Marzu, 2015** u li permezz taghha huma rrispondew hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

> "1. Illi l-konvenut Frans Azzopardi dejjem accetta x-xogholijiet maghmula minn l-atturi tant illi effettivament iffirma skrittura li permezz taghha obbliga li jhallas l-ammont intier f'rati mensili – dan wara li ddikjara ruhhu veru cert u likwidu debitur ghal dak l-ammont;
>
> 2. Illi l-konvenut beda jhallas dak l-ammont b'mod inkontestat u waqaf ghaliex skond hu kellu problemi finanzjarji;
>
> 3. Illi x-xogholijiet esegwiti fuq il-vettura msemmija saru skond l-arti u s-sengha.
>
> 4. Illi bejn ix-xoghol l-konvenut kien qed jaghmel xogholijiet ohrajn fuq l-istess vettura.
>
> 5. Illi l-pretensjonijiet dedotti mill-konvenut fil-kontro-talba huma preskritti bid-dekors ta' sentejn fit-termini ta' l-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
>
> 6. Illi d-domandi tal-kontro-talba huma nfondati fid-dritt u fil-fatt.
>
> 7. Illi din il-kontro-talba hija wahda frivola u vessatorja u jezisti lok ghall-applikazzjoni tal-komminazzjonijiet stipulati fl-artikolu 10(3) tal-Kap. 380.
>
> Salvi eccezzjonijiet ulterjuri"

Ra' l-verbal tal-15 ta' Jannar, 2016 fejn it-Talba giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Ra' d-dokumenti esebiti;

Semgha t-trattazzjoni;

Ra' l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, r-rikorrenti qeghdin jitolbu l-hlas minghand l-intimat tas-somma ta' elf, erba' mija u sitta u sittin Ewro u tlieta u disghin centezmu (€1,466.93) ghal xogholijiet ta' tiswija fuq vetturi ta' l-intimat, ghal liema ammont, l-intimat kien obbliga ruhhu li jhallas permezz ta' skrittura privata datata 10 ta' Marzu, 2014. L-intimat laqa' ghal din it-Talba billi qal li t-talbiet tar-rikorrenti kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante li mhuwiex minnu li huwa ma ottemprax ruhhu mal-obbligi tieghu izda kien l-istess rikorrenti li ma mexiex ma l-istipulazzjonijiet tieghu u ma ghamilx it-tiswijiet mehtiega fil-vettura in kwistjoni.

2. L-intimat da parti tieghu ressaq kontro-talba fil-konfront tar-rikorrenti fejn talab lit-Tribunal li jigi likwidat ammont rapprezentanti tiswijiet ulterjuri li kellhom isiru fuq il-vettura tieghu tat-tip Mercedes 190 bin-numru ta' registrazzjoni VIP-225. Ir-rikorrenti laqghaw ghal din il-kontro-talba billi qalu li l-intimat dejjem accetta x-xogholijiet maghmula minnhom tant li ffirma skrittura li permezz taghha obbliga li jhallas l-ammont intier f'rati mensili – dan wara li ddikjara ruhhu veru cert u likwidu debitur ghal dak l-ammont. Fil-fatt, komplew jghidu r-rikorrenti, l-intimat beda jhallas dak l-ammont b'mod inkontestat u waqaf ghaliex skond hu kellu problemi finanzjarji. Komplew jghidu r-rikorrenti li x-xogholijiet esegwiti minnhom fuq il-vettura proprjeta ta' l-intimat saru skond l-arti u s-sengha u li waqt li huma kienu qeghdin jaghmlu x-xogholijiet fuq din l-imsemmija vettura,

huwa kien qed jaghmel xogholijiet ohrajn fuq l-istess vettura. Sahqu li fi kwalunkwe kaz, il-pretensjonijiet tal-intimat huma perenti bid-dekors tas-sentejn a tenur ta' l-artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Ziedu jghidu li ghalhekk, il-kontro-talba ta' l-intimat fil-konfront taghhom hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u li aktar min hekk, tali kontro-talba hija wahda frivola u vessatorja u jezisti lok ghall-applikazzjoni tal-komminazzjonijiet stipulati fl-artikolu 10(3) tal-Kap. 380.

Ikkunsidra;

3. Mill-atti processwali jirrizulta s-segwenti:

    i. **L-Avukat Dottor Kevin Mompalao** qal li l-iskrittura datata 10 ta' Marzu, 2014 (fol. 48) giet iffirmata mill-partijiet fil-presenza tieghu wara li huwa kien ha hsieb biex jirredigi l-ftehim li kienu lahqu l-istess partijiet. Qal ukoll li quddiemu kien sar diskors fis-sens li l-vettura li kienet ghand ir-rikorrenti kellha tigi ittowjata mill-intimat u dan peress li din il-vettura ma kienitx tahdem. Qal li kienet issemmiet xi pompa "*ghaliex il-pompa li kien provda Frans Azzopardi lil Stephen Borg ma kienitx tajba*" (fol. 22). Mistoqsi mit-Tribunal jekk kienx sar xi diskors fil-presenza tieghu li x-xoghol ma kienx sew huwa qal li "*le assolutament le*" (fol. 22). Kompla jghid li bejn l-iskrittura privata u l-ittra ufficjali li saret qatt ma ssemmiet il-kwistjoni li x-xoghol ma kienx sar skond is-sengha u l-arti. Sahaq li l-intimat kien beda jaghmel il-hlasijiet skont l-imsemmija skrittura privata, erba' b'kollox, izda wara kien hemm problema ta' hlas. In kontro-ezami qal li quddiemu, l-intimat kien qal li huwa ma kellhux l-ammont kollhu biex jghaddieh lir-rikorrenti u kien ghalhekk li dan ta' l-ahhar accetta li l-istess intimat ihallsu mensilment l-ammont dovut. Stqarr ukoll li x-xoghol fuq il-vettura, meta l-partijiet marru ghandu, kien lest. Zied jghid li r-raguni ta' l-iskrittura kienet li l-intimat ried il-vettura tieghu u r-rikorrenti kienu qeghdin jibzghu jirrilaxxjawha l-ghaliex l-intimat kien jispicca ma jhallashomx. Kien ghalhekk li saret

din l-iskrittura sabiex ir-rikorrenti jkollhom "*l-iswed fuq l-abjad*" (fol. 24).

ii. **Ir-rikorrenti** qal li huwa kien ghamel xoghol fuq diversi vetturi tal-intimat. Qal li wara li l-intimat kien iffirma l-iskrittura privata huwa ghamel erba' pagamenti u waqaf. Ix-xoghol fuq il-vetturi ta' l-intimat, kompla jghid ir-rikorrenti kien sar qabel ma giet iffirmata l-iskrittura privata. Il-kwistjoni, kompla jghid ir-rikorrenti inqalghet fuq Mercedes u dan fis-sens li l-intimat kien gablu pompa *second hand* li kien xtara minghand Malti u qallu sabiex jinstallahielu fuq din il-vettura. Minkejja li r-rikorrenti ghamel hekk, din il-vettura baqghet ma hadmitx u kien ghalhekk li huwa informa b'dan lill-intimat li qallu li kien ser jiehu din il-vettura ghand dan il-Malti. Ir-rikorrenti kompla jispjega x-xoghol li huwa kien ghamel fuq din il-vettura tal-intimat tat-tip Mercedes. Sussegwentement, l-intimat mar ghall-Mercedes ghand ir-rikorrenti u dan ittowjaha. In kontro-ezami, huwa qal li l-intimat kien gablu l-Mercedes izda din kienet "*bla sahha*" (fol. 31). Ir-rikorrenti qabel li wara li giet iffirmata l-iskrittura privata datata 10 ta' Marzu, 2014 l-intimat kien mar jittowja l-vettura tieghu tat-tip Mercedes. Mistoqsi jekk l-intimat kienx jaf li l-Mercedes ma setatx timxi wahedha qabel ma ffirma l-iskrittura msemmija, r-rikorrenti wiegeb fl-affermattiv. L-intendiment, kompla jghid ir-rikorrenti kien li din il-vettura tat-tip Mercedes tkun tahdem meta huwa jehodha minghandu.

iii. **L-intimat** qal li huwa kien ha xi vetturi ghand ir-rikorrenti li kien jahdem bhala mechanic u dan sabiex jaghmillu xi xogholijiet fuqhom. Huwa qal li hlief ghax-xoghol li r-rikorrenti ghamel fuq il-Mercedes, huwa ma kellhux ilmenti fuq ix-xogholijiet li saru fuq il-vetturi l-ohra li kien hadlu. Din il-Mercedes damet ghand ir-rikorrenti, skont l-intimat, sena u ghaxar xhur. Qal li huwa kien qabbad lir-rikorrenti sabiex jaghmillu xi xoghol fuq din il-Mercedes fosthom dwar is-sadid. Zied jghid li huwa kien xtara pompa ghal din il-Mercedes min ghand

wiehed Malti bl-isem ta' Kevin sabiex din tkun tista titqieghed fuq il-Mercedes. Qal li r-rikorrenti ma haddimlux din il-pompa u ghalhekk hadha, flimkien mal-Mercedes ghand Kevin il-Malti u dan haddimha. Zied ighid pero li l-Malti ma kienx tah l-affarijiet kollha mal-pompa u li meta huwa kien hadha ghandu dan kien ghamel xi affarijiet fiha biex b'hekk giet tahdem. Fil-fatt, qal li lejn Malta huwa ha l-Mercedes bit-*towing* filwaqt li lejn Ghawdex gie bil-vettura tahdem. Qal li s-sadid li kellu jnehhilu r-rikorrenti reggha hareg u li huwa telliflu sentejn licenzja, u cioe z-zmien li din ghamlet fil-garaxx ghandu. Zied ighid li kull ma kien lest li jaghtih kienu tal-*wipers*. Ghal bqija ma kien lest li jaghtih xejn tax-xoghol li r-rikorrenti kien ghamel fuq il-Mercedes. Stqarr li meta huwa iffirma l-iskrittura privata mar-rikorrenti, huwa kien jaf li l-Mercedes ma kienitx tahdem izda ma kienx jaf li x-xoghol kien sar hazin. Qal ukoll li huwa ma kienx imgieghel jiffirma l-imsemmija skrittura.

iv. **Kevin Bajada** xehed u qal li huwa jahdem bhala *mechanic*. Qal ukoll li l-intimat kien ha ghandu vettura tat-tip Mercedes sabiex jaghmillu xi xoghol fiha. Ix-xoghol kien ghar-rigward tal-pompa. Meta l-intimat hadlu l-vettura, kompla jghid ix-xhud, "*jiena iccekkjajt jekk hix qed ittella diesel u dan, imbaghad la naf bdiltha l-pompa jew uzajt l-istess wahda, kien hemm xi affarijiet zghar jista jkun xi timing jew, ghax jinvolvi hafna affarijiet*" (fol. 56). Ghal dan ix-xoghol, huwa zamm xi €200 ta' idejh u xi €250 tal-pompa. In kontro-ezami, mistoqsi jekk huwa kienx irranga xi haga f'din il-pompa li kien xtara minghandu l-intimat u li kien reggha gablu lura wara li r-rikorrenti ma kienx irnexxielu jhaddimha, huwa qal li "*il-pompa biex tistartja jrid ikollok diesel tiela, jew, timing tajjeb, diesel tiela biex tistartja l-magna. Issa, ma niftakarx sew biss jew bdiltha l-pompa jew ittajmajajtha u naf li startjat*" (fol. 57). Qal ukoll li l-pompa ma kien fiha xejn nieqsa meta huwa kien bieghha lill-intimat. Mistoqsi jekk huwa kienx uza l-istess pompa li kien biegh lill-intimat jew inkellha uzax ohra, ix-xhud qal li "*ma nafx cert cert*" (fol. 58).

Ikkunsidra ulterjorment;

4. Jirrizulta mill-provi li fl-10 ta' Marzu, 2014, l-partijiet kienu ffirmaw skrittura privata bejniethom u li permezz taghha l-intimat obbliga ruhhu li jhallas lir-rikorrenti l-ammont ta' €1,866.93c ghal diversi xogholijiet li r-rikorrenti kien ghamel fuq vetturi proprjeta ta' l-intimat. Irrizulta ukoll li l-intimat kien beda jwettaq l-obbligazzjoni minnu assunta b'din l-iskrittura u fil-fatt ghamel erba' pagamenti ta' €100-il wiehed. L-intimat imbaghad waqaf ihallas u r-rikorrenti kellhu jaghmel dawn il-proceduri. Ir-raguni tal-waqfien, skont ma jirrizulta mir-risposta minnu mressqa kienet li r-rikorrenti ma kienx ghamillu x-xogholijiet fuq il-vettura tat-tip Mercedes. Irrizulta mill-provi li dawn ix-xogholijiet li l-intimat qieghed jilmenta minnhom u li skont hu ma kienx ghamel ir-rikorrenti kienu dwar is-sadid u l-pompa. Mill-provi prodotti, t-Tribunal ma huwiex sodisfatt mill-ewwel ilment tieghu u cioe dik dwar is-sadid. It-Tribunal huwa tal-fehma li l-intimat ma rnexxielux jipprova dan l-ilment. Ghar-rigward tal-pompa, t-Tribunal jaghmel referenza ghal dak li xehed l-intimat stess meta qal li Kevin Bajada, l-Malti li huwa kien xtara din il-pompa minghandu, ma kienx tah l-affarijiet kollha mal-pompa (fol. 39) u li meta huwa kien hadha ghandu dan kien ghamel xi affarijiet fiha biex b'hekk giet tahdem. Ghalhekk, mix-xhieda stess ta' l-intimat jirrizulta li r-rikorrenti ma kellhu x'jaqsam xejn mal-fatt li l-pompa ma kienitx tahdem. Apparti dan kollu, meta huwa ffirma l-iskrittura privata datata 10 ta' Marzu, 2014, l-intimat kien jaf li din il-vettura ma kienitx qeghda tiffunzjona u allura ma jistax issa jilmenta mill-fatt li x-xoghol ma kienx sar sew. Konsegwentement, it-Tribunal sejjer jichad il-kontro-talba tal-intimat l-ghaliex ma hijiex misthoqqa fil-ligi u sejjer jghaddi biex jilqa t-talba tar-rikorrenti.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi:

1) Jichad il-kontro-talba ghar-ragunijiet hawn fuq ndikati u ghaliex ma hijiex misthoqqa fil-ligi;

2) Jilqa t-talba tar-rikorrenti, qieghed jichad l-eccezzjoni mqanqla mill-intimat ghar-rigward taghha u konsegwentement qieghed jilqa t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna lill-intimat ihallas lill-istess rikorrenti l-ammont ta' elf erba' mija sitta u sittin euro u tlieta u disghin centezmi ta' euro [€1,466.93c] bl-imghaxijiet legali jibdew jiddekorru fuq dan l-ammont mid-data tal-prezentata tat-Talba odjerna u cioe mis-26 ta' Jannar, 2015 sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha huma a kariku tal-intimat.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Daniel Sacco**
**Deputat Registratur**